DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ....................................                DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## IL-FESTA BIL-BANDIERI

*1 Att, 6 Xena, p.31 (M/m)*

### MARCO

**XTAQT NGĦIDLU ADDIJO.**

Xtaqt ngħidlu addijo – xtaqt ngħidlu mqar bonġu, tal-aħħar... Imma l-uġigħ, il-qilla kollha miġmugħa kontrieh tul is-snin... *(jieqaf – jisma' l-kanzunetta)* Kont insejtha dik ara – dik il-qilla friska taż-żgħożija, dik l-għafsa ta' qalb ta' żagħżugħ li skopra l-kuntrarju kollu tad-dinja. U, fuq kollox, li sab li dawk li dejjem ħabb wara kollox ma kinux tant perfetti bħalma kien jarahom meta kien tifel. Imrar u qtugħ ta' jies li fil-fatt kien jaljena u jaħbi l-vera marda. – imrar u qtugħ ta' jies li kienu biss is-sintomu – u li r-rimedju tagħha kien tant viċin... u tant fraġli. Dik il-vuċi..

*(Ikellem lill-udjenza)* Qed tisimgħuha bħali dik il-vuċi? Kif jista' wieħed ikompli jiġma' l-imrar ġo fih meta jisma' leħen bħal dak?... U safrattant iż-żgħożija taf tuża anke leħen bħal dak biex tkompli tkebbislek il-kilba għall-ħelsien, ix-xenqa għal xi ħaġa li teħilsek minn dak li temmen li qed jifgak ġewwa d-dar li fiha trabbejt b'tant għożża, tant innoċenza...

Ma niftakarx meta smajtu l-ewwel darba dak il-leħen; kienx meta kelli xi sitta, seba' snin, nilgħab ma' oħti fil-bitħa xi Sibt filgħodu, jew meta kelli ħmistax, sittax-il sena nistudja fis-sodda, mgħobbi b'tunnellata kotba għall-GCEs... Kont nittawwal minn wara l-persjani għal ġol-btieħi taħtna, wara l-ħitan tal-ġonna, wara kull ħasira, ngħarrex lejn it-twieqi l-oħra miftuħin fil-bini tiela' ma' kullimkien madwarna... Imma għalxejn. Min jaf minn fejn kien ġej dak il-leħen. *(218)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ...............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.31